Nru. 17,446
Prezz 8ċ
Price 8c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

L-Erbgħa, 16 ta' Lulju, 2003
Wednesday, 16th July, 2003

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 619

PUBBLIKAZZJONI TA' ATT FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat ghall-informazzjoni ġenerali illi l-Att li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru. V ta' l-2003 imsejjaħ l-Att ta' l-2003 dwar l-Unjoni Ewropea.

Is-16 ta' Lulju, 2003

GOVERNMENT NOTICES

No. 619

PUBLICATION OF ACT IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Act is published in the Supplement to this Gazette:

Act No. V of 2003 entitled the European Union Act, 2003.

16th July, 2003

Nru. 620

ĦATRA TA' SEGRETARJU PERMANENTI

IL-PRESIDENT ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ħatar lis-Sur Paul Zahra, B.A. (Hons.) Bus. Mngt., M.B.A., A.C.E.A., A.I.D.P.M., F.I.S., bħala Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi skond l-artikolu 92 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta b'seħħ mit-30 ta' Ġunju, 2003.

Is-16 ta' Lulju, 2003

No. 620

APPOINTMENT OF PERMANENT SECRETARY

THE PRESIDENT of Malta, on the advice of the Prime Minister, given after consultation with the Public Service Commission, appointed Mr Paul Zahra, B.A. (Hons.) Bus. Mngt., M.B.A., A.C.E.A., A.I.D.P.M., F.I.S., as Permanent Secretary in the Ministry of Finance and Economic Affairs in terms of section 92 (3) of the Constitution of Malta with effect from 30th June, 2003.

16th July, 2003

Nru. 621

ĦATRA TA' SEGRETARJU PERMANENTI

IL-PRESIDENT ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ħatar lis-Sur Vincent Cassar, B. Arch., FIHEEM, FICE, A.&C.E., bħala Segretarju Permanenti fil-Ministeru għaż-Żgħażagħ u l-Kultura skond l-artikolu 92 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta b'seħħ mit-30 ta' Ġunju, 2003.

Is-16 ta' Lulju, 2003

No. 621

APPOINTMENT OF PERMANENT SECRETARY

THE PRESIDENT of Malta, on the advice of the Prime Minister, given after consultation with the Public Service Commission, appointed Mr Vincent Cassar, B. Arch., FIHEEM, FICE, A.&C.E., as Permanent Secretary in the Ministry for Youth and the Arts in terms of section 92 (3) of the Constitution of Malta with effect from the 30th June, 2003.

16th July, 2003

Nru. 622

ORDINANZA DWAR L-GĦELUQ TA' ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)

Il-Ġonna ta' l-Argotti, il-Furjana

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-setgħa mogħtija lilu bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent ordna li nhar il-Ħamis, l-24 ta' Lulju 2003 mis-7.00 p.m. 'il quddiem, il-Ġonna ta' l-Argotti, il-Furjana, se jkun taħt il-kontroll tal-YMCA Valletta.

Is-16 ta' Lulju, 2003

No. 622

PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)

Argotti Gardens, Floriana

IT is notified for general information that as enabled by section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Minister for Rural Affairs and the Environment has approved that on Thursday, 24th July 2003 from 7.00 p.m. onwards, the Argotti Gardens, Floriana, will be under the control of YMCA Valletta.

16th July, 2003

Nru. 623

ORDINANZA (GĦELUQ) DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)

Il-Ġonna ta' San Anton, Ħ'Attard

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent approva li nhar il-Ġimgħa, it-8 ta' Awissu, 2003 mis-6.00 p.m. 'il quddiem, il-Ġonna ta' San Anton, Ħ'Attard, ikunu taħt il-kontroll tal-Parroċċa ta' Ħ'Attard.

Is-16 ta' Lulju, 2003

No. 623

PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)

San Anton Gardens, Attard

IT is notified for general information that as enabled by section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Minister for Rural Affairs and the Environment has approved that on Friday, 8th August, 2003 from 6.00 p.m. onwards, San Anton Gardens at Attard will be under the control of Attard Parish.

16th July, 2003

Nru. 624

ORDINANZA DWAR L-GĦELUQ TA' ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)

Il-Ġonna tal-Barrakka ta' Fuq, Valletta

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-setgħa mogħtija lilu bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent approva li bejn il-Ġimgħa, it-8 ta' Awissu u l-Ħadd, l-10 ta' Awissu, 2003, l-użu tal-Ġonna tal-Barrakka ta' Fuq se jkun taħt il-kontroll ta' Emanuel Delicata Winemakers Ltd.

Is-16 ta' Lulju, 2003

No. 624

PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)

Upper Barrakka Gardens, Valletta

IT is notified for general information that as enabled by section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Minister for Rural Affairs and the Environment has approved that between Friday 8th August and Sunday 10th August 2003, the Upper Barrakka Gardens will be under the control of Emanuel Delicata Winemakers Ltd.

16th July, 2003

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 58

Bis-saħħa ta' l-artikolu 93 (1) tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu kif ukoll ma jipparkjawx fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-data u l-ħinijiet indikati.

Ħal Tarxien

Nhar il-Ħadd, l-20 ta' Lulju, 2003 mill-4.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Misraħ is-Suq, Paola, Simmons, Santa Marija u l-Kbira.

Vetturi pparkjati fl-imsemmija toroq ikunu suġġetti għal irmunkar.

Sta. Venera

Nhar it-Tnejn, il-21 ta' Lulju, 2003, mis-6.00 p.m. sad-9.30 p.m. mill-*by-pass* ta' Sta. Venera mid-direzzjoni tal-Marsa lejn l-Imsida u mid-direzzjoni ta' l-Imsida lejn il-Marsa.

Nhar l-Erbgħa, it-23 ta' Lulju, 2003, mis-7.30 a.m. sat-8.30 a.m., mill-11.30 a.m. san-12.30 p.m. u mit-8.30 p.m. sad-9.30 p.m. mill-*by-pass* ta' Sta. Venera mid-direzzjoni tal-Marsa lejn l-Imsida u mid-direzzjoni ta' l-Imsida lejn il-Marsa.

POLICE NOTICE

No. 58

In virtue of section 93 (1) of the Code of Police Laws (Cap. 10) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and parking of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended on the date and times indicated.

Tarxien

On Sunday, 20th July, 2003 between 4.00 p.m. and midnight through the following streets: Misraħ is-Suq, Paola, Simmons, Santa Marija and il-Kbira.

Vehicles which remain parked in these streets, are subject to towing.

St Venera

On Monday, 21st July, 2003 from 6.00 p.m. to 9.30 p.m. through St. Venera by-pass, St. Venera from the direction of Marsa to Msida and to the direction of Msida to Marsa.

On Wednesday, 23rd July, 2003 from 7.30 a.m. to 8.30 a.m., 11.30 a.m. to 12.30 p.m. and 8.30 p.m. to 9.30 p.m. through St. Venera by-pass from the direction of Marsa to Msida and to the direction of Msida to Marsa.

Nhar il-Ħamis, l-24 ta' Lulju, 2003, mis-7.30 a.m. sat-8.30 a.m., mill-11.30 a.m. san-12.30 p.m. u mit-8.30 p.m. sad-9.30 p.m. mill-*by-pass* ta' Sta. Venera mid-direzzjoni tal-Marsa lejn l-Imsida u mid-direzzjoni ta' l-Imsida lejn il-Marsa.

Nhar il-Ħamis, l-24 ta' Lulju, 2003 fil-11.00 p.m. sas-Sibt, is-26 ta' Lulju, 2003, f'nofsillejl minn Pjazza Sta. Venera.

Nhar il-Ġimgħa, il-25 ta' Lulju, 2003, mis-7.30 a.m. sat-8.30 a.m., mill-11.30 a.m. san-12.30 p.m. u mit-8.30 p.m. sad-9.30 p.m. mill-*by-pass* ta' Sta. Venera mid-direzzjoni tal-Marsa lejn l-Imsida u mid-direzzjoni ta' l-Imsida lejn il-Marsa.

Nhar is-Sibt, is-26 ta' Lulju, 2003, mit-8.15 a.m. sad-9.15 a.m., mill-11.30 a.m. san-12.30 p.m., mis-6.30 p.m. sat-7.35 p.m. u mid-9.15 p.m. sal-11.00 p.m. mill-*by-pass* ta' Sta. Venera mid-direzzjoni tal-Marsa lejn l-Imsida u mid-direzzjoni ta' l-Imsida lejn il-Marsa.

Nhar is-Sibt, is-26 ta' Lulju, 2003, mis-7.00 p.m. sas-2.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: il-Fanali, Misraħ il-Kebbies, Vivion, Reġjonali, is-Soll, iż-Żonqor u Pjazza Sta. Venera.

Nhar il-Ħadd, is-27 ta' Lulju, 2003, mit-8.00 a.m. sat-3.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Fanali, Misraħ il-Barrieri, Kanonku Bonnici, Abela, Brighella, San Ġorġ, il-Kbira San Ġużepp u l-Imsida.

Nhar il-Ħadd, is-27 ta' Lulju, 2003, mill-4.00 p.m. sal-11.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ Sta. Venera, Misraħ il-Barrieri, l-Annunzjata, Brighella, San Ġorġ, il-Kbira San Ġużepp, l-Imsida, il-Fanali, Misraħ il-Kebbies, Vivion u l-Kardinal Sciberras.

Nhar il-Ħadd, is-27 ta' Lulju, 2003, mill-10.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Pjazza Sta. Venera, Misraħ il-Barrieri u l-Fanali.

Nhar il-Ħadd, is-27 ta' Lulju, 2003, mis-7.30 a.m. sat-8.30 a.m., mill-11.30 a.m. san-12.30 p.m. u mis-6.30 p.m. sal-11.00 p.m. mill-*by-pass* ta' Sta. Venera mid-direzzjoni tal-Marsa lejn l-Imsida u mid-direzzjoni ta' l-Imsida lejn il-Marsa.

Is-16 ta' Lulju, 2003

On Thursday, 24th July, 2003 from 7.30 a.m. to 8.30 a.m., 11.30 a.m. to 12.30 p.m. and 8.30 p.m. to 9.30 p.m. through St. Venera by-pass from the direction of Marsa to Msida and to the direction of Msida to Marsa.

On Thursday, 24th July, 2003 at 11.00 p.m. till Saturday, 26th July, 2003, at midnight, through Pjazza Sta. Venera.

On Friday, 25th July, 2003 from 7.30 a.m. to 8.30 a.m., 11.30 a.m. to 12.30 p.m. and 8.30 p.m. to 9.30 p.m. through St. Venera by-pass from the direction of Marsa to Msida and to the direction of Msida to Marsa.

On Saturday, 26th July, 2003 from 8.15 a.m. to 9.15 a.m., 11.30 a.m. to 12.30 p.m., 6.30 p.m. to 7.35 p.m. and 9.15 p.m. to 11.00 p.m. through St. Venera by-pass from the direction of Marsa to Msida and to the direction of Msida to Marsa.

On Saturday, 26th July, 2003 from 7.00 p.m. to 2.00 a.m., through the following streets: il-Fanali, Misraħ il-Kebbies, Vivion, Reġjonali, is-Soll, iż-Żonqor and Pjazza Sta. Venera.

On Sunday, 27th July, 2003, from 8.00 a.m. to 3.00 p.m. through the following streets: il-Fanali, Misraħ il-Barrieri, Kanonku Bonnici, Abela, Brighella, San Ġorġ, il-Kbira San Ġużepp and l-Imsida.

On Sunday, 27th July, 2003, from 4.00 p.m. to 11.00 p.m. through the following streets: Misraħ Sta. Venera, Misraħ il-Barrieri, l-Annunzjata, Brighella, San Ġorġ, il-Kbira San Ġużepp, l-Imsida, il-Fanali, Misraħ il-Kebbies, Vivion and il-Kardinal Sciberras.

On Sunday, 27th July, 2003, from 10.00 p.m. to midnight through the following streets: Pjazza Sta. Venera, Misraħ il-Barrieri and il-Fanali.

On Sunday, 27th July, 2003 from from 7.30 a.m. to 8.30 a.m., 11.30 a.m. to 12.30 p.m. and 6.30 p.m. to 11.00 p.m. through St. Venera by-pass from the direction of Marsa to Msida and to the direction of Msida to Marsa.

16th July, 2003

Trade Mark Registrations

Trade Mark Registrations

Trade Mark Registrations

Trade Mark Registrations

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugh fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*